MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 603/2013

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Rodney CAMILLERI [ID. Nru. 469585M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-25 ta' Settembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' sitt mija tlieta u sittin euro u wiehed u erbghin ċenteżmu ta' euro [€636.41] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' sitt mija sitta u tletin euro wiehed u erbghin ċenteżmu (€636.41), skont l-annessi dokumenti markati Dok A u B, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-televizjoni, internet u telefon kont numru A/C 40147584, moghtija mis-socjeta attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li l-intimat giet debitament notifikata fit-28 ta’ Ottubru, 2013 u li ma ressaqx risposta entro t-terminu impost mill-ligi kif lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta’ Simone Ellul rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta’ sitt mija tlieta u sittin euro u wiehed u erbghin ċenteżmu ta’ euro [€636.41] rapprezentanti din is-somma hlasijiet in konnessjoni mas-servizzi ta’ televiżjoni, internet u telefon, kont numru A/C 40147584.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, Simone Ellul, xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta’ sitt mija tlieta u sittin euro u wiehed u erbghin ċenteżmu ta’ euro [€636.41] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikata fit-28 ta' Ottubru, 2013, baqa ma ppreżenta l-ebda risposta fit-terminu ta' tmintax-il jum skond il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma llum quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' sitt mija tlieta u sittin euro u wiehed u erbghin ċenteżmu ta' euro [€636.41] bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------